MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Numru 346/2007

Il-Pulzija
(Spettur Antonovich Muscat)

-vs-

Jennifer Anne Cassar

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Jennifer Anne Cassar ta’ 30 sena, bint Victor u Marianne nee’ Gaffiero, imwielda l-Awstralja fit- 22 ta’ Novembru, 1977, u residenti ‘Dar Merhba Bik’, 130 Triq Birbal, Balzan, detentrici ta’ Karta ta’ l- identita` Maltija bin- numru 151092M.

Akkuzata talli fit- 22 ta’ Marzu, 2007 u fil- jiem ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer

a. bil- hsieb li tghamel hsara lil xi persuna, akkuzat lil persuna quddiem awtorita` kompentetenti b' reat, fil- waqt li kienet taf li dik il- persuna hija innocenti (dan bi ksur ta' l- Artikolu 101(1)(a) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta);
b. u aktar talli, fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, halfet falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s- setgha b' ligi li jaghti gurament (dan bi ksur ta' l- artikolu 108(1) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

c. u aktar talli, fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, b' qerq holqot jew ghieghelet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il- fatt jew jkunu jistghu l' quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil- hsieb li b' hekk din il- persuna tkun tista` tigi kontra is- sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat (dan bi ksur ta' l- artikolu 110(1) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

d. u aktar talli, fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, iddenunzjat lill- pulizija ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella b' qerq holqot tracci ta' reat b' mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar (dan bi ksur ta' l- artikolu 110(2) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta).

Il- Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill- akkuzata ghall- hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu ma periti fil- proceduri hekk kif ikkontemplat fl- Artikolu 533 tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputata ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha anke wara li l-Qorti fissrithielha l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtha zmien biex tikkonsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-artikoli 101(1)(a), 108(1) u 110(1)(2) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha inkluz il-*pre-sentencing report* redatt mill-ufficjal tal-*probation* u l-espert psikologu nominati ghal dan il-ghan.

Rat il-fedina penali ta'l-imputata.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijet migjuba kontra taghha ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi l-fedina penali ta'l-imputata hija kwazi netta u l-imputata rregistrat l-ammissjoni taghha f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi pero l-Qorti ma tistax ma tqiesx in-natura tar-reati koncernati, u cioe kemm in-natura tar-reati li gew kommessi mill-imputata kif ukoll in-natura ta'l-allegat reat li tieghu hija pruvat tohloq it-tracci u li ddenunzjat. M'hemmx dubbju li bhala konsegwenza ta' l-agir taghha l-imputata mhux biss hliet hafna rizorsi ta' diversi awtoritajiet kompetenti imma anke ghamlet hsara, kemm lis-socjeta in generali, kif ukoll lil dawk il-persuni li realment isibu ruhhom vittmi tar-reati li ddenunzjat l-imputata.

Illi l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li, kif jirrizulta mill-atti, din m'hiex l-ewwel darba li l-imputata vvintat storja biex forsi tigbed simpatija, jew ghax tkun trid tpattija lil xi hadd. Lanqas m'hi l-ewwel darba li rrappurtat fatti inveritjeri lill xi awtorita' kompetenti.

Illi huwa relevanti ukoll li minkejja li l-ufficjal tal-*probation* nominat biex ihejji l-*pre-sentencing report* kien wissa lill-imputata b'l-importanza ta' dak ir-rapport u li l-komportament taghha f'dak l-istadju jista jkollu effett fuq l-

ezietu ta' dawn il-proceduri, l-imputata xorta ghazlet li tfalli ghal numru ta' seduti kemm ma' l-ufficjal tal-*probation* kif ukoll mal-psikologu.

Illi mill-*pre-sentencing report* jidher ukoll li l-agir ta' l-imputata jista jkun rizultat tal-problemi psikologici li hija tbati minnhom. Jirrizulta ampjament mill-istess rapport li l-imputata ghandha bzonn kura kemm psikologika u possibilment anke psikjatrika biex tissupera l-problemi taghha. Ma jidhirx pero' li l-imputata qed tiehu l-kura necessarja.

Illi l-konkluzzjoni ta' l-ufficjal tal-*probation* fil-*pre-sentencing report* hija li l-imputata mhiex kandidata idonea sabiex tinghata sentenza bazata fil-kommunita b'element ta' supervizjoni minhabba n-nuqqas ta' attenzjoni u kooperazzjoni taghha. Is-suggeriment fir-rapport kien li l-imputata tigi segwieta minn psikologu u psikjatra f'ambietu karcerarju jew residenzjali.

Illi l-Qorti taqbel li dak li ghandha bzonn primarjament l-imputata hija kura psikologika u/jew psikjatrika. Il-Qorti taqbel ukoll li l-imputata wriet li m'hiex kapaci taghraf x'inhu verament ta' ghajnuna ghaliha u li minghajr certu ammont ta' kontroll iebes l-imputata mhiex ser taghmel dak li verament jehtieghielha biex b'xi mod teghleb il-problemi li ghandha.

Illi pero, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u b'mod partikolari l-fedina penali kwazi netta ta' l-imputata, il-Qorti hija disposta taghti opportunita lill-imputata tirrabilita ruhha minghajr ma tiskonta piena karcerarja. Min-naha l-ohra l-Qorti trid tassigura li l-imputata tiehu l-kura li ghandha bzonn u li tirrispondi b'mod immedjat u effettiv ghall-agir taghha jekk hi ma tikkoperax u ma tiehux din il-kura. L-uniku mod li bih jista jigi assigurat dan ukoll huwa bill l-imputata tinghata piena ta' sentenza sospieza b'ordni ta' supervizjoni.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 101(1)(a), 108(1) u 110(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet

migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal-piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' tmien (8) xhur, liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' sentejn. In oltre b'applikazzjoni ta' artikolu 28G tal-Kap 9 il-Qorti qed tpoggi lill-hatja taht ordni ta' supervizjoni ghal perjodu ta' sentejn matul liema perjodu l-hatja Jennifer Anne Cassar ghandha tiehu dik l-kura psikologika u/jew psikjatrika li tigi ndikata lilha mill-ufficjal sorveljanti.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghha taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk hija tikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta taghha taht l-artikolu 28G jekk ma tikkonformax ruhha ma' l-ordni ta' supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja Jennifer Anne Cassar.

In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-hatja Jennifer Anne Cassar thallas is-somma ta' erba mija u tmien lira u sittax il-centezmu (Lm408.16) -- disa mija u hamsin Euro u sitta u sebghin Euro centezmi (Euro 950.76) -- rapprezentanti spejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti u/jew periti, liema somma ghandha tithallas fi zmien erbgha (4) xhur mill-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------